# San Ġlormu

## WIEHED MILL-AQWA KITTIEBA LATINI NSARA

IL-BIĊĊA l-kbira ta' l-istejjer tal-letteratura Latina jqisu lil Aulus Gellius bħala l-aħħar wieħed fil-lista tal-kittieba Latini li jistgħu jissejħu klassiċi. Dan ma jfissirx li wara l-kittieb li semmejna ma nkitibx Latin iżjed. Inkunu aktar qrib is-sewwa kieku ngħidu li n-"Noctis Atticae" ta' Aulus Gellius huwa l-aħħar xogħol tal-letteratura Rumana u mhux tal-letteratura Latina għaliex il-Latin baqa' jinkiteb għal erbatax-il mitt sena wara l-mewt ta' Aulus Gellius. Iżda l-letteratura Latina li nkitbet wara Gellius hija magħżula mil-letteratura latina klassika u magħrufa bl-isem ta' **Letteratura Latina Nisranija.**

L-aqwa tliet kolonni li fuqhom hija mibnija l-letteratura Latina Nisranija huma Sant Ambroġ, San Ġlormu u Stu. Wistin.

San Ġlormu twieled minn familja Nisranija tat-tajjeb ġewwa l-belt ta' Stridone fis-sena 340 A.D. Sa minn ċkunitu Ġlormu trabba u tgħallem fi ħdan il-Knisja Kattolika. Meta kellu xi għoxrin sena, Ġlormu mar Ruma fejn temm l-istudju tal-grammatika u tar-rettorika taħt it-tmexxija tal-magħruf għalliem Aelius Donatus. Minn Ruma baqa' sejjer fil-belt ta' Treviri, li dak iż-żmien kienet wieħed miċ-ċentri ewlenin tat-tagħlim fl-Imperu tal-Punent u hemmhekk iż-żagħżugħ Ġlormu medd għonqu għall-ewwel darba għat-tagħlim tat-Tejoloġija.

Minn Treviri Ġlormu reġa' lura lejn Aquileia li kienet qrib belt twelidu u hemm flimkien ma' xi żgħażagħ oħra ħbieb tiegħu beda jgħix ħajja axxetika bħala ħlas għal xi żmien li kien għadda b'daqsxejn nuqqas ta' ħsieb fil-ftit snin li kien dam Ruma.

Meta kellu madwar it-tlieta u tletin sena, jiġifieri fis-sena 373, Ġlormu xtaq ħafna jsiefer lejn il-Lvant bil-ħsieb li jagħmel pellegrinaġġ sa Ġerusalemm. U hekk għamel, iżda meta wasal fil-belt ta' Antjokja kellu jħalli ħesrem il-ħsieb tal-pellegrinaġġ minħabba marda li ġiet fuqu meta daħal fil-belt li semmejna. Wara ftit taż-żmien li għadda f'Antjokja, Ġlormu għażel li jqatta' ftit snin fid-deżert ta' Kalkide li jaħbat fuq il-fruntiera tas-Sirja. F'dan id-deżert huwa għadda tliet snin waħdu, imbiegħed mill-għagħa tad-dinja u għex ħajja ta' eremita. F'dan iż-żmien iż-żagħżugħ studjuż u ħabrieki xeħetha għall-istudju

tal-Lsien Lhudi — biċċa xogħol li kellha twasslu aktar 'il quddiem biex jaqleb il-Bibbja Ebrajka għal-Latin.

Iżda minħabba n-nuqqas ta' ftehim bejn it-teologi fil-belt ta' Antjokja, Ġlormu kellu jħalli d-deżert u jarġa' lura lejn il-belt Sirjaka. Hawnhekk iż-żagħżugħ irċieva l-Ordni Sagri minn idejn l-Isqof Antjokjan Pawlinu. Minn Antjokja l-qassis żagħżugħ mar iżur Kostantinopli, fejn iltaqa' ma' Gregorju minn Nazjanzu u ħa xi tagħlim minn għandu.

Minn Kostantinopli Ġlormu reġa' lura lejn Ruma fejn għamel ħbiberija mal-Papa San Damasu, li sejjaħlu biex jieħu sehem fis-sinodu li tlaqqa' fis-sena 382. Minn dik is-sena, il-Papa ħatar lil Ġlormu bħala segretarju tiegħu u hekk baqa' sal-mewt tal-Papa. Kienet ukoll ġriet ix-xniegħa li Ġlormu kellu aktarx ikun maħtur bħala l-Vikarju ta' Kristu wara Damasu. Fl-erba' snin li għadda Ruma, Ġlormu kien il-mexxej spiritwali ta' għadd ta' nisa Rumani nobbli, fosthom Marcella, Paula u bintha Eustochium. Wara l-mewt ta' Damasu u l-ħatra ta' San Livju bħala suċċessur tiegħu, Ġlormu ġedded ix-xewqa qadima tiegħu li jmur igħaddi l-aħħar snin ta' ħajtu fil-Palestina. Fis-sena 385, flimkien ma' Pawla u bintha Eustochium, Ġlormu telaq minn Ruma lejn il-Lvant. Wara li waqfu ftit l-Eġittu, il-pellegrini baqgħu sejrin lejn l-Art Imqaddsa u fis-sena 386 waslu Betlem, fejn qatgħu li jibqgħu joqogħdu. F'Betlem Pawla bniet monasteru u ħallietu taħt it-tmexxija ta' Ġlormu u tliet kunventi għannisa li baqgħet tmexxi hija stess. Dawna l-għaqdiet reliġjużi taħt it-tmexxija għaqlija ta' San Ġlormu u ta' Santa Pawla saru ċentri ta' studju u hawn Ġlormu kien igħaddi bosta żmien igħallem.

Għalkemm kien Nisrani tajjeb, Ġlormu kien baqagħlu ġibda kbira għal-letteratura pagana. Naqraw f'waħda mill-ittri tiegħu kif ma sata' bl-ebda mod jinfired mill-kotba tiegħu meta telaq għal kollox lejn il-Lvant. Igħidilna li biex jaqra lil Cicero, kien ta' spiss igħaddi jiem sajjem. Darba deherlu li kien ittieħed quddiem it-Tribunal tal-Ħaqq t'Alla u meta kien mistoqsi x'kien, huwa wieġeb li kien Nisrani. Hawnhekk sama' t-tweġiba ħarxa: "Mentiris, Ciceronianus es, non Christianus" ("Qiegħed tgħid kelma b'oħra, inti Ċiċeronjan u mhux Nisrani").

Filwaqt li ma' ħbiebu kien kollu ħlewwa, ma' l-eretiċi u ma' l-egħdewwa tal-Knisja Ġlormu kien tassew aħrax u ma kien iħalliha lil ħadd.

Fost l-aqwa xogħlijiet ta' San Ġlormu aħna nsibu għadd ta' ħajjiet ta' eremiti. F'dawn il-kotba, miktubin bi stil sempliċi u mexxej, Ġlormu żied fil-ħajjiet ta' l-ewwel eremiti bosta episodji immaġinarji. Kiteb dwar il-ħajjiet tal-kittieba Nsara f'"De Viris Illustribus". Kiteb ukoll bosta ittri polemiċi u traduzzjonijiet mill-Grieg. Iżda x-xogħol monumentali li kabbar l-isem ta' San Ġlormu huwa t-traduzzjoni tal-Bibbja. Kif għidna, Ġlormu kien beda jistudja l-Ebrajk meta kien fid-deżert ta' Kalkide u f'Betlem żied jissokta f'dan l-istudju li kien beda bosta snin qabel.

Huwa kien diġà għamel traduzzjoni Latina tal-Kitba tar-Rabta l-Ġdida mill-Grieg. Issa huwa xtaq li jaqleb fil-Latin il-kotba tar-Rabta l-Qadima. U xewqtu seħħet tassew għax mhux biss lesta l-Bibbja kollha bil-Latin iżda kiteb ukoll xi tlieta u sittin ktieb ta' kommenti dwar il-Kotba Mqaddsa. Għall-ewwel it-traduzzjoni ta' San Ġlormu ma kinetx milqugħa tajjeb, iżda maż-żmien intgħaraf is-siwi tagħha, hekk li saret reviżjoni tagħha fi żmien il-Papa Klement VIII u l-lum, magħrufa bħala l-"Vulgata" hija t-traduzzjoni awtorizzata mill-Knisja Kattolika. Il-Latin ta' San Ġlormu huwa mlewwen ħafna, għani fil-għażla tal-kliem, varjat u mexxej u fih bosta kwotazzjonijiet u użi klassiċi.

San Ġlormu miet fi xjuħitu fit-30 ta' Settembru, 420, fiż-żmien ta' l-invażżjonijiet tal-barbari.

K.ku Karm. Muscat, B.A.

---

## LILL-IMSEHBIN

Nixtiequ nfakkru lill-imsieħbin kollha ta' LEHEN IL-MALTI li l-ħlasijiet għandhom jintbagħtu lill-Kaxxier, is-Sur Mario Felice, 210, Triq San Pawl, il-Belt.

Kull min għadu ma ħallasx huwa ġentilment mitlub biex iħallas.